## Tagħlim bi mħabba – ħsibijiet fil-ftuħ tas-sena skolastika

Marco Bonnici, President tal-Malta Union of Teachers

(deher l-ewwel darba fil-Mument - 22 ta' Settembru 2024)

Lejlet il-ftuħ ta' sena skolastika xtaqt naqsam dawn il-ħsibijiet magħkom. Għalkemm ma tistax tifridhom nixtieq niffoka fuq l-aspett professjonali fis-settur edukattiv iżjed mir-rwol tiegħi trejdunjonistiku. Fuq kollox l-MUT għandha għal qalbha kemm l-aspett trejdunjonistiku kif ukoll dak professjonali, u dan tal-aħħar ħafna drabi ma jissemmiex biżżejjed. Ser nagħmel referenza għall-kunċett tal-imħabba fis-settur tagħna għaliex nemmen li għandna nitkellmu aktar dwar dan.

L-imħabba lejn il-professjoni

Kemm nieħu pjaċir meta niltaqa' ma' edukaturi u matul id-diskursata magħhom ninduna li għad għandhom l-imħabba lejn is-suġġett li jgħallmu, jew lejn dik l-area li jaħdmu fiha. Tinduna mill-ewwel: għajnejhom jixegħlu u jitkellmu b'tant passjoni dwar dak li jkunu qed jagħmlu. Dawn l-edukaturi jeħtiġilhom kull tifħir u sapport għaliex ikkultivaw u żammew l-imħabba li kellhom meta resqu għall-professjoni. Kemm hu sabiħ meta dawn l-edukaturi jingħataw il-possibiltà li jaqsmu dawk l-esperjenzi tagħhom ma' ħaddieħor, b'mod partikolari ma' edukaturi ġodda, u dan hu aspett li nħoss li għadu nieqes. Il-ġid li jsir minn dan hu bla qies. Min-naħa l-oħra tiltaqa' ma' edukaturi li ma għadx għandhom dik l-imħabba lejn dak li qed jagħmlu, u dan jista' jkun ikkaġunat minn ħafna sitwazzjonijiet, inklużi weġgħat, diżappunti u inġustizzji. Xi drabi l-edukatur ikun jeħtieġ bidla, u dan hu proċess normali. Iżda ħafna drabi l-weġgħat li edukatur jesperjenza jibqgħu jkunu ta' piż fuq l-individwu u jekk ma jiġux indirizzati jistgħu jaffettwaw kemm lill-persuna u x-xogħol tiegħu.

L-imħabba lejna nfusna

Jingħad li ma tistax tagħti minn dak li ma għandekx. Għaldaqstant, u mhux b'kumbinazzjoni, qed nagħmel enfasi fuq l-imħabba li edukatur għandu jkollu lejh innifsu. Dan fl-isfond tal-ħtieġa li nħarsu l-benesseri tagħna nfusna. Tiltaqa' ma' edukaturi li dejjem jagħtu lill-oħrajn, anke jekk huma jibqgħu b'xejn. Iħobbu lilhom infushom u lil ta' madwarhom. Dan isir f'diversi azzjonijiet: jagħtu l-lunch lil student li ma għandux, isibu ħin waqt il-brejk biex jgħinu student li waqa' lura, jew biex jitkellmu ma' student li għandu xi diffikultajiet, u mitt elf ħaġa oħra. Isibu dak li hu pożittiv f'kollox u f'kulħadd. Huma kuntenti basta jaraw lil ta' madwarhom kuntenti wkoll. Is-sens ta' altruwiżmu fil-professjoni tagħna għadu wieħed b'saħħtu, għalkemm qed jiġi mminat minn kulturi ta' individwaliżmu. Issib min hu għaddej minn xi diffikultajiet u l-imħabba lejh innifsu tkun nieqsa, bil-konsegwenza li tonqos dik lejn l-oħrajn. Illum l-għajnuna faċli tinstab, u b'mod mill-aktar kunfidenzjali l-persuna għandha tirrikorri għas-servizzi tal-professjonisti għall-għajnuna. Iltqajt ma' ħafna persuni matul is-snin li sabu l-għajnuna u tejbu kemm ħajjithom u r-relazzjoni ma' ta' madwarhom. L-imħabba lejna nfusna ma għandhiex tkun a skapitu tal-oħrajn. Qed naraw wisq sitwazzjonijiet fejn individwi jpoġġu lilhom infushom l-ewwel u jgħaddu minn fuq l-oħrajn. Dan irid jitwaqqaf.

L-imħabba lejn xulxin

Tisma' konverżazzjonijiet fis-settur tagħna u tara li ż-żewġ partijiet jew aktar involuti qed jagħtu kas u jieħdu ħsieb xulxin, anke jekk għandhom rwoli differenti. Tieħu pjaċir u tinduna bil-klima serena ta' bejniethom. Tara l-mod kif il-ġenituri qed ikellmu lill-edukaturi fil-bieb tal-iskola u tinnota s-sens ta' apprezzament matul il-konverżazzjoni. Iżda dan mhux dejjem hu l-każ. Jiġi żmien meta r-ritmu tax-xogħol tant ikun mgħaġġel u impenjattiv li ninsew lil xulxin; li ninsew li min għandna quddiemna jistħoqqlu li jkun mismugħ u mifhum; li risposti qosra u bil-għaġla jafu jibagħtu l-messaġġ li mhux qed nagħtu kas tal-individwu; li billi nipposponu diskussjoni jew problema ma jfissirx li qed insolvuha, u jista' jkun li nkunu qed niffrustraw aktar il-parti l-oħra; li biex nagħtu struzzjoni ma jfissirx li rridu ngħajtu u nuru aggressività. Dawn u aktar, flimkien ma' elementi ta' pika, għira, suspetti u aspetti oħra li nsibuhom f'ħafna postijiet tax-xogħol, jagħmlu ħafna ħsara. Jeħtieġ li nibqgħu nieħdu ħsieb xulxin u r-relazzjonijiet ta' bejnietna jiġu kkultivati. Hemm professjonisti li jistgħu jgħinu gruppi ta' impjegati sabiex jaħdmu aħjar flimkien, iżda s-sens ta' mħabba lejn xulxin għandu jiġi minn kull wieħed u waħda minna.

L-imħabba lejn l-istudenti

Ħadd minna ma kien ser ikun f'din il-professjoni jekk mhux sabiex inkunu ta' servizz għall-istudenti. Tara edukaturi li b'ġesti żgħar juru mħabba lejn l-istudenti tagħhom. Bilkemm tinduna, iżda sempliċiment ħarsa, daħka jew ġest ta' inkoraġġiment ħafna drabi jtellgħu student is-sema. U dawn huma importanti llum aktar minn qatt qabel, għaliex ħafna studenti qed jagħmlu ħafna sigħat l-iskola u inqas id-dar. Il-punt ta' referenza għal ħafna studenti qed tkun l-iskola, u r-relazzjonijiet li qed jibnu mal-edukaturi qed ikunu essenzjali biex jiffurmaw il-karattru tagħhom. Għalhekk għandna nkunu sensittivi ħafna dwar ir-rwol tagħna, u nkunu konxji li nkunu qed nagħmlu tajjeb għal ċerti nuqqasijiet, fosthom in-nuqqas ta' mħabba lejn it-tfal u ż-żgħażagħ. L-aspett individwali fit-tfal u ż-żgħażagħ, anki fil-loghob u fl-interazzjoni soċjali, mhux qed jgħin. Il-kuntatt uman qed jonqos u xi wħud mhumiex ifittxuh. Iżda aħna għandna l-obbligu li nibqgħu nżommu dan il-kuntatt uman mal-istudenti u nagħtuhom dak li l-ebda apparat elettroniku ma jista' jtihom: l-imħabba.

Nawgura s-sena skolastika t-tajba lill-edukaturi u l-istudenti kollha.